# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 10

Data tal-laqgħa: 9 ta' Diċembru, 2019

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 9 ta' Diċembru 2019 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Assenti b'appoloġija | Christopher Fenech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**10/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**10/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Christopher Fenech biex jiġi skuzat minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li jiġi reġistrat bħala Assenti b'appoloġija.

**10/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**10/02/01** **Para 09/02/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bagħtet is-sejħa għal *Contracts Managers* għall-approvazzjoni tad-Dipartiment.

**10/02/02** **Para 09/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tħejji sejħa għal kiri ta' van għal Kunsill.

**10/02/03** **Para 09/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li qed nistennew risposta mill-FTZD rigward meta l-latrini pubbliċi ser jgħaddu għandhom.

**10/02/04** **Para 09/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kaxxi tal-parkeġġ fi Triq l-Oratorju għadhom ma sarux.

**10/02/05** **Para 09/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* fil-pjazzetta tal-*housing estate* ta' Xwieki ħa jsiru mill-kuntrattur.

**10/02/06** **Para 09/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* tal-Pjazza għadha ma twaħlitx.

**10/02/07** **Para 09/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Transport Malta biex issir *crash barrier* fejn għalqa fi Triq l-Indipendenza.

**10/02/08** **Para 09/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li flimkien ma' Sur Abraham Aquilina qed taħdem fuq il-*heritage trail*.

**10/02/09** **Para 09/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser niġbru stimi biex il-gandott ta' Triq il-Ġnien jiġi kopert bil-gradilji tal-konkos.

**10/02/10** **Para 09/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*water culvert* fi Sqaq il-Warda ħa jsir dalwaqt.

**10/02/11** **Para 09/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kuntrattur ħa jirranġa l-kaxxa safra fi Triq San Ġwann għax ma hemmx 1m fuq kull naħa u l-bqija tiġi kaxxa tal-mutur.

**10/02/12** **Para 09/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *bus stop* fi Triq San Ġwann faċċata ta' Joe's Garage suppost dalwaqt jitpoġġa u ħa jsiru *parking bays* fil-bidu ta' Triq San Ġwann in-naħa tal-kumpless Juniper Mews.

**10/02/13** **Para 09/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnajna l-AED u l-kaxxa tagħha.

**10/02/14** **Para 09/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew il-*Works Order Quotation* mingħand id-District Office biex isiru *bollards* f'toroq prinċipali.

**10/02/15** **Para 09/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat li Triq San Bartilmew l-biċċa t'isfel tiġi *one-way* jiġifieri l-karozzi jinżlu l-isfel.

**10/02/16** **Para 09/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew l-informazzjoni mingħand 'The Grow 10 Trees Project' għat-tabelli li ħa jitpoġġew qrib is-siġar li ħawwlu fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**10/02/17** **Para 09/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima rigward il-ground ta' Xwieki.

**10/02/18** **Para 09/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja.

**10/02/19** **Para 09/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*bus shelter* tal-pjazza tpoġġa flok il-*bus shelter* ta' Triq San Ġwann.

**10/02/20** **Para 09/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret laqgħa mal-Planning Authority sabiex nipprovaw inġibu fondi biex jinbidel is-*safety flooring* ta' Ġnien il-Paċi u sabiex ikun hemm bandla għat-tfal iż-żgħar u *playhouse*.

**10/02/21** **Para 09/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnajna tabella tal-isem ta' Triq San Bartilmew.

**10/02/22** **Para 09/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida u ż-żewġ arbli għal Triq iċ-Ċawl ġew ordnati.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**10/02/23** **Para 09/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sar *Bus Stop* qrib 'The Village Store' fi Triq Caravaggio.

**10/02/24** **Para 09/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnajna mera għal Sqaq ix-Xgħajrat.

**10/02/25** **Para 09/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex isir *line* fin-nofs ta' Triq Mons Luigi Catania k/m Triq San Ġwann.

**10/02/26** **Para 09/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*perspex* għal fuq ir-*reception desk* tal-Kunsill għadha ma saretx.

**10/02/27** **Para 09/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Salvu Fenech ser jaħdem il-bieb tal-kuritur t'isfel kif ukoll jibdel waħda mis-sellaturi tal-bieb tal-uffiċċju.

**10/02/28** **Para 09/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rridu nġibu stimi biex isir bank tal-ħadid fil-Ġnien ta' Żagħruna.

**10/02/29** **Para 09/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser jerġaw jeħlu ż-żewġ *billboards*.

**10/02/30** **Para 09/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex issir *sleeping police* ħdejn il-ħruġ mill-McDonald's.

**10/02/31** **Para 09/02/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-*dog bin* għal taħt it-tabella tal-ismijiet tat-toroq fil-pjazza tad-Dejma, id-*dog bin* għal Vjal ir-Repubblika u d-*dog bin* għal Triq iċ-Ċawl k/m Triq il-kbira ġew ordnati.

**10/02/32** **Para 09/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat iż-żebgħa sabiex il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill jagħmlu *refreshing* ta' *zebra crossings*. Barra minn hekk, saqsiet lil AQS Med Ltd. jekk jistawx jirranġaw id-dawl ta' *zebra crossing* ta' Triq San Ġwann.

**10/02/33** **Para 09/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħaddiema mid-Dipartiment tax-xogħlijiet ser jirranġaw il-parti li waqgħet mill-ħajt ta' Triq l-Isqof Gargallo.

**10/02/34** **Para 09/02/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sistema tal-*video-on-demand* ser tiġi nstallata dalwaqt.

**10/02/35** **Para 09/02/42:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħaddiema mid-Dipartiment tax-xogħlijiet irranġaw il-*culvert* ta' Triq Mons. Luigi Catania ħdejn Sqaq Numru 1.

**10/02/36** **Para 09/02/47:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* tax-xelter saret.

**10/02/37** **Para 09/02/48:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bankina ta' quddiem 'The Village' fi Vjal it-Repubblika ħa ssir mill-kuntrattur.

**10/02/38** **Para 09/02/50:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ta' Triq San Bartilmew man-naħa tal-iskola ġiet ordnata.

**10/02/39** **Para 09/02/51:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella 'Bicycle Parking Only' għal ħdejn il-bicycle rack tal-pjazza saret.

**10/02/40** **Para 09/02/54:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tiġbor stimi biex mal-ħajt tal-kmamar fi Ġnien il-Paċi jsiru disinji ta' fjuri jew xi karattri tal-*cartoons.*

**10/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**10/03/01** Is-Sindku qalet li l-attività tal-*Christmas Market* saret għall-ewwel darba u kienet suċċess.

**10/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**10/04/01** Ma kienx hemm.

**10/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**10/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 20 ta' Novembru 2019).

**10/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority fuq PC0156/18.

**10/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 27 ta' Novembru 2019).

**10/05/04** Ġiet innutata Direttiva Numru 7/2019 suġġett: Risk Assessment tal-Playing Fields madwar Malta u Għawdex. Kull Kunsill Lokali għandu sa mhux aktar tard minn l-aħħar ta' Ġunju ta' kull sena jibgħat lid-Dipartiment kopja tal-aħħar risk assessment report.

**10/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 4 ta' Diċembru 2019).

**10/05/06** Fuq it-talba għal mera fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu faċċata ta' Demar Residence. Il-Kunsill qabel li din il-mera ssir għas-spejjeż tas-sidien.

**10/05/07** Fuq it-talba għal mera fi Triq Santa Katerina faċċata ta' St Catherine's farmhouse. Il-Kunsill qabel li din il-mera ssir għas-spejjeż tas-sid.

**10/05/08** Is-Sa Marilena Hassan qalet li hemm bżonn nibdew nibdlu l-fanali tar-raħal ftit ftit. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li nistgħu napplikaw għall-fondi. Kien hemm qbil unanimu.

**10/05/09** Is-Sur Abraham Aquilina qal li *traffic lights* li hemm fi Triq M. Murray, in-Naxxar, mhumiex qed jaħdmu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġà infurmat lill-Transport Malta.

**10/05/10** Is-Sur Abraham Aquilina ġibed l-attenzjoni li xi uħud qed jarmu skart b'mod illegali fi Triq John Adye, in-Naxxar. Kien hemm qbil unanimu li ninformaw l-awtoritajiet konċernati.

**10/05/11** Is-Sur Abraham Aquilina qal li aħjar inkellmu lil ta' The 'Grow 10 Trees' Project għax għandhom bżonn jaqtgħu l-ħaxix ħażin u biex joqgħodu attenti fejn iħawwlu s-siġar. Is-Sindku talbet laqgħa urġenti magħhom. Kien hemm qbil unanimu.

**10/05/12** Is-Sur Abraham Aquilina fakkar li għada r-Reġjun Tramuntana ħa jorganizza bibita.

**10/05/13** Is-Sur Abraham Aquilina fakkar li l-Mixja sal-Għar ħa ssir il-Ġimgħa, 20 ta' Diċembru 2019.

| | |
|---|---|
| **10/05/14** | Is-Sur Abraham Aquilina qal li l-bankina ta' ħdejn 'The Village' għandha bżonn titranġa. Kien hemm qbil unanimu. |
| **10/05/15** | Is-Sindku resqet talba għal *sleeping police* fi Triq l-Indipendenza. Il-Kunsill ma laqax din it-talba. |
| **10/06** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| **10/06/01** | Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha. |
| **10/07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| **10/07/01** | Il-laqgħa spiċċat fis-6:15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 30 ta' Diċembru 2019 fil-5:30pm. |

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**